# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta’ nhar il-Gimgha 19 ta’ Ottubru, 2001 .

### Citazzjoni numru : 58/00G1(PC)

**John Mary sive Jimmy Stellini .**

**vs**

**Josephine sive Josette mart John Mary sive Jimmy Stellini minnu “de iure” separata .**

**Il-Qorti ,**

**Rat c-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :**

**Illi b’kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali “a mensa et thoro”, tal-21 ta’ Gunju 1999 (atti Nutar Silvio Hili), hawn anness u markat bhala dokument “A”, il-kontendenti ftehmu illi l-kura u l-kustodja ta’ binhom minuri, Jorn ghandu jigi fdat f’idejn il-konvenuta, Josephine sive Josette Stellini, bil-fakolta’ li l-attur ikollu access miftuh ghal ibnu minuri, Jorn ;**

**Illi wkoll fl-istess kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali hawn fuq citat (Dokument “A”) il-kontendenti ftehmu wkoll, inter aliea, illi “kull wiehed u wahda minnhom ikollhom id-dritt illi japplikaw permezz ta’ rikors prezentat il-Qorti kompetenti sabiex jigi determinat l-access ul-kustodja tal-imsemmi iben minuri f’kaz ta’ nuqqas ta’ qbil bejn il-partijiet jew bdil fic-cirkostanzi ezistenti” ;**

**Illi mid-data meta gie ffirmat il-kuntratt relattiv (Dokument “A”) sar fil-fatt bdil radikali u sostanzjali fic-cirkostanzi u fil-hajja privata tal-konvenuta li mhux biss bdiet tghix permanenti fid-dar li qabel kienet “id-dar taz-zwieg” tal-kontendenti ma’ ragel iehor flimkien ma’ l-iben komuni tal-kontendenti, Jorn imma adirittura weldet tewmin minn relazzjoni extra matrimonjali ;**

**Illi kien ovvju u evidenti li ma kienx fl-interess tal-istess minuri, Jorn li jibqa’ jghix di sentu mal-konvenuta, u ghalhekk l-attur applika lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja sabiex huwa jinghata esklussivament il-kura u l-kustodja ta’ ibnu Jorn, u sabiex l-istess Qorti tiffissa l-hinijiet tal-access lill-konvenuta u dana taht**

**dawk il-kundizzjonijiet u modalitajiet li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi ;**

**Illi l-istess Onorabbli Qorti wara li semghet l-espert minnha nominat u cioe' s-socjologu Dun Gorg Borg, bid-digriet taghha tal-11 ta' Frar, 2000 (Dok "B" u "C") laqghet is-suggerimenti tal-espert minnha nominat u ordnat '"nter alia"' illi z-zewg genituri ghandhom ikollhom il-kustodja tal-minuri, Jorn Stellini u li l-attur ikollu l-kura tal-minuri bejn il-Hadd fil-Ghaxija wara s-7.00 p.m. u l-Erbgha wara nofsinhar sas-2.30 pm. U jerga' jkollu l-kura tieghu l-Erbgha fil-ghaxija stess wara s-7.30 p.m. sal-gimgha fis-6.00p.m. waat li fil-granet u hinijiet oihra tal-gimgha, il-kura tal-minuri tkun f'idejn l-omm u nnominat ukoll lil Victor Galea, li jahdem bhala Social worker sabiex isegwi l-andament tal-minuri u jirrapporta kif mehtieg lill-istess Onorabbli Qorti ;**

**Illi l-attur irid illi l-kura u l-kustodja tal-minuri, Jorn tigi definittivament deciza .**

**Talab lill-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tordna l-kustodja u l-kura tal-minuri Jorn Stellini tigi fdata f'idejn l-attur ad eskluzjoni tal-konvenuta ;**

2. **Tiffissa l-hinijiet tal-access tal-konvenuta ghal binhom minuri, Jorn u dana taht dawk il-modalitajiet, kundizzjonijiet u salvagwardi li l-istess Onorabbli Qorti joghgobha timponi ;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Voontarja (Rikors numru 115/99 G7) u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharrka .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur kkonfermata bil-gurament tieghu .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet illi :**

1. **Illi t-talba attrici ghall-affidament tal-kura u kustodja tal-minuri Jorn Stellini lill-attur ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li mhuwiex fl-ahjar interess tal-minuri li l-kura u l-kustodja tieghu jigu fdati f'idejn l-attur u mhux f'idejn l-eccipjenti .**

2. **Illi l-ftehim milhuq bejn il-kontendenti rigward il-kura u kustodju u l-access versu l-imsemmi minuri, hekk kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-21 ta' Gunju, 1999, ippublikat minn Nutar Dr. Silvio Hili, ghandu jigi kkonfermat minn din l-Onorabbli Qorti, stante li ma kien hemm l-ebda bdil fic-cirkostanzi li jimmeritaw tibdil fl-istess ftehim .**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz .**

**Bl-ispejjez kontra l-attur .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta mahlufa minnha .**

**Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li biha, wara li ppremettiet :**

**Illi permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Silvio Hili fil-21 ta' Gunju, 1999, il-kura u kustodja tal-iben minuri tal-kontendenti, Jorn Stellini, gew fdati f'idejn ommu, il-konvenuta, filwaqt li l-attur inghata d-dritt ta' access miftuh ghall-istess ibnu, liema access ma kellu bl-ebda mod u manjiera jigi ostakolat mill-konvenuta .**

**Illi l-kontendenti zammew id-dritt illi japplikaw permezz ta' rikors prezentat fil-Qorti kompetenti sabiex jigi determinat l-access u l-kustodja tal-imsemmi iben minuri "f'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jew bdil fic-cirkostanzi ezistenti" ;**

**Illi minkejja li ma kien l-ebda nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet jew bdil fic-cirkostanzi, l-attur ipprezenta rikors quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja, fejn talab li jinghata l-kura u kustodja tal-minuri Jorn Stellini, filwaat li l-konvenuta tinghata d-dritt ta' access versu l-istess minuri ;**

**Illi permezz ta' degriet moghti fil-11 ta' Frar, 2000, dik l-Onorabbli Qorti ordnat li l-kontendenti jkollhom il-kustodja kongunta tal-minuri Jorn Stellini, fis-sens li l-attur ikollu l-kura u l-kustodja tal-minuri bejn il-Hadd mis-7.00 pm sal-Erbgha fis-2.30 p.m. fl-ewwel gimgha u jerga' jkollu l-kura u l-kustodja tieghu nhar ta' Erbgha bejn is-7.30 p.m. sal-Gimgha fis-6.00 p.m. sal-Gimgha fis-6.00 p.m. fil-gimgha ta' wara; filwaqt li matul il-granet u l-hinijiet l-ohra rispettivi, il-kura u l-kustodja tal-minuri jkunu f'idejn il-konvenuta ;**

**Illi dan l-arrangament m'huwiex fl-ahjar interess tal-minuri, li diga' qieghed juri li qed ikollu problemi kbar biex jadatta ruhu ghalih u fil-fatt kien hafna ahjar bl-arrangament ta' qabel milhuq bil-kuntratt ta' separazzjoni msemmi .**

**Talbet lill-attur jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :**

1. **Tiddikjara li ma kien hemm nuqqas ta' qbil jew bdil fic-cirkostanzi tal-kontendenti li jimmeritaw bdil fil-kuntratt ta' separazzjoni tal-21 ta' Gunju, 1999 ppublikat min-Nutar Dr. Silvio Hili ;**

2. **Tirrevoka d-degriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fil-11 ta' Frar, 2000 wara r-rikors numru 115/99 ;**

**3. Tikkonferma l-ftehim milhuq bejn il-kontendenti rigward il-kura u kustodja u l-access li l-kontendenti ghandhom igawdu versu l-minuri Jorn Stellini u dan ai termini tal-kuntratt ta' separazzjoni msemmi ;**

**4. Fi kwalunkwe kaz, tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Jorn Stellini tigi fdata f'idejn il-konvenuta u dan salv id-dritt ta' access li l-attur ghandu jgawdi versu l-imsemmi minuri .**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja fl-atti tar-rikors numru 115/99, kontra l-attur, li huwa minn issa ngunt sabiex jidher in subizzjoni .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur ghal din il-kontro-talba li permezz taghha eccepixxa illi :**

**1. Illi l-ewwel talba hija ghal kollox infondata u kontra l-ligi u dana peress illi apparti l-fatt illi fir-realta' kien hemm bdil radikali fic-cirkostanzi tal-kontendenti li ggustifikaw il-Qorti taghti l-provedimenti li tat, xorta wahda, skond il-ligi huwa principju kardinali li l-interess tal-minuri huwa suprem ghal Qorti, irrespettivament ghal dak li jkunu ftehmu l-partijiet u**

**2. Illi fil-fatt l-Qorti ghandha f'kull stadju tal-proceduri u anki wara timmodifika, tvarja jew tbiddel kwalunkwe provedimenti li jkunu saru jew ittiehdu, dejjem fl-interess tal-istess minuri ;**

**3. Illi, ghalhekk, it-tielet talba tal-konvenuta, kif kontenuta fil-kontro-citazzjoni taghha hija wkoll infondata u ma tista' qatt tigi milqugha ;**

**4. Illi dwar ir-raba u l-ahhar talba, huwa ovvju, li fic-cirkostanzi tal-kaz, il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata f'idejn il-missier u mhux f'idejn l-omm .**

**5. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-digriet taghha tad-19 ta' Ottubru 2000 fejn ordnat l-allegazzjoni tar-rapport tas-'social worker' Victor Galea esebit fl-atti tal-process Rikors Numru : 115/1999 quddiem din il-Qorti fil-Gurisdizzjoni Volontarja taghha .**

**Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Gunju 2001 fejn ordnat l-allegazzjoni tar-rapport tal-psikologu Dun George Borg esebit fl-atti ta' l-istess Rikors .**
**Rat ukoll l-atti kollha fl-istess process .**

**Rat ir-rapport 'ex parte' ppreparat mill-psikologa Mariella Blackman fuq inkarigu ta' l-attur .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluz il-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .**

**Semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri rispettivi .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din il-kawza giet ipprovokata b'divergenza bejn il-kontendenti dwar jekk kellux jibqa' japplika ftehim dwar il-kura u kustodja ta' binhom minuri Jorn li llum ghandu hames snin, u li kien gie inkorporat f'kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ffirmat minnhom fil-21 ta' Gunju 1991 (Dok. A) . F'dak il-kuntratt l-istess partijiet kienu rriservaw id-dritt li jirrikorru lill-Qorti kompetenti f'kaz ta' nuqqas ta' qbil bejniethom jew bdil fic-cirkostanzi ezistenti .**

**L-attur qed jippretendi li kien hemm tali bdil fic-cirkostanzi minn dakinhar li gie ffirmat dan il-kuntratt, billi lil martu tweldulha tewmin minn relazzjoni extra-maritali li kellha ma' ragel iehor li anke mar joqghod fid-dar li qabel kienet id-dar matrimonjali taghhom .**

**Fil-kuntratt indikat, il-partijiet kienu ftehmu li l-kura u kustodja tal-minuri kellha tigi fdata lill-omm, filwaqt illi l-missier kellu jkollu access x'hin irid ghall-iben minuri . L-attur issa, permezz tac-citazzjoni prezenti ppretenda li, minhabba dan il-bdil fic-cirkostanzi, martu kellha titlef il-kura u kustodja tal-minuri, li kellha minflok tinghata esklussivament lilu, b'hinijiet iffissati minn din il-Qorti ghall-access ta' l-omm ghall-minuri .**

**Fil-kontro-talba taghha l-omm tinsisti li ma kien hemm ebda bdil fic-cirkostanzi minn dakinhar ta' l-iffirmar tal-kuntratt ta' separazzjoni li kien jimmerita bdil dwar il-kura u kustodja tat-tifel, li kellhom ghalhekk jibqghu jigu fdati f'idejha .**

**Madankollu rrizulta li fl-ahhar udjenza ta' qabel ma din il-kawza thalliet ghas-sentenza iz-zewg nahat, wara li anke hadu in konsiderazzjoni dak li rrelataw it-tliet esperti fuq imsemmija, li esprimew il-veduti taghhom din il-kwistjoni, dehru rassenjati li ghall-ahjar gid tat-tifel, jaqbel illi l-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun kongunta bejnethom . Li baqghu ma jistghux jaqblu kien aktar fuq il-modalitajiet ta' access li kull wiehed minnhom kellu jkollu ghall-minuri .**

**L-attur jikkontendi illi mhux fl-ahjar interess tal-minuri li jaghmel hafna zmien ghand ommu li qed tikkoabita ma' ragel iehor fl-istess dar bil-perikolu li biz-zmien it-tifel jista' jibda jiddentifika fih il-'father figure' li jispetta bi dritt lilu biss . L-attur donnu jsib oggezzjoni 'morali' wkoll illi fl-istess dar ikun hemm it-tewmin imwielda mir-relazzjoni li kellha martu ma' dan ir-ragel . Ghalieh dan 'it-tahwid kollu' qed igib fix-xejn in-nukleju familjari li t-tifel ghandu jedd ghalih f'socjeta' civilizzata .**

**Il-konvenuta da parti taghha toggezzjoni l-aktar li t-tifel jaghmel aktar zmien ghand missieru ghax dan huwa mpenjat hafna fix-xoghol tieghu, bil-konsengwenza li ftit jista' jiddedika hin ghalih, u t-tifel qieghed iktar jitrabba min-nanniet paterni milli minn missieru . Problema ohra li tinkwieta hafna lill-konvenuta tirrigwarda s-sahha fizika tat-tifel, peress illi n-nanniet paterni jrabbu t-tjur f'kamra li tigi wara r-residenza taghhom, b'detriment kbir ghat-tifel li jbati mill-asthma .**

**Il-psikologu Dun George Borg, nominat minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni Volontarja taghha, fuq talba ta' l-attur prezenti biex jirrelata jekk kienx hemm raguni ghal revizjoni ta' dak li kienu bonarjament ftehmu l-kontendenti fl-okkazjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom, ghamel is-segwenti osservazzjonijiet :**

***"(i) iz-zewg partijiet iridu jifhmu li ghalkemm fallew bhala koppja mizzewga m'ghandhomx ifallu bilfors bhala genituri ta' Jorn u dan jiddependi mit-tnejn li huma ;***

***(ii) l-izvilupp tat-tifel irid ikun shih: fiziku, emozjonali, intelletwali, socjali u morali ;***

***(iii) idejalment dan l-izvilupp isir go familja naturali maghquda, pero' jekk ic-cirkostanzi ma jippermettux irid jinstab l-aktar mod adegwat li jista' joffri dan l-izvilupp minghajr konsegwenzi rriparabbli ;***

***(iv) mhux sewwa li l-genituri juzaw lit-tfal taghhom bhala arma kontra xulxin, specjalment meta bejn il-koppja jinholoq id-dizgwid u l-firdiet ;***

***(v) kull meta jsir tibdil u c-cirkostanzi go familja jinbidlu, bil-fors li dawn jaffettwaw lill-persuna, kemm lill-kbar u aktar liz-zghar*," (ara rapport ta' Dun George Borg datat it-28.12.99) .**

**Infatti billi deherlu li c-cirkostanzi kienu tbiddlu minn dakinhar tal-kuntratt, irrakkomanda li l-kustodja tinghata minflok lill-missier, bl-omm ikollha access nofs ta' nhar matul il-gimgha u fil-'weekend'. Minhabba li l-attur kien impenjat hafna fix-xoghol, kellu jaghmel sforz genwin biex iqatta aktar '*quality time*' ma' ibnu . In segwitu ghal dan ir-rapport, dik il-Qorti qaghdet fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-espert taghha u sa' llum il-pozizzjoni dwar il-kura, kustodja u access ghall-minuri baqghet l-istess .**

**Fil-frattemp, billi l-istess espert kien irrakkomanda wkoll illi l-kaz jigi segwit minn 'social worker', dik il-Qorti kienet innominat lil Victor Galea ghal dan il-fini . L-istess social worker, wara li sewga l-kaz ghal bosta xhur, kellem lill-kontendenti, l-familjari taghhom u ghamel diversi 'home visits' fil-postijiet fejn kien jirrisjedi l-minuri, sab illi t-tifel ma kienx qed isofri xi pregudizzju bil-fatt li fid-dar t'ommu kien qed jabita wkoll il-'partner' taghha . Fil-fehma tieghu ma kien hemm ebda periklu li t-tifel jiddentifika l-'father figure' fih,**

**ghax dejjem kien kapaci jaghzel bejn missieru proprju u l-habib ta' ommu .**

**Minn naha l-ohra rrizulta li l-missier ma kienx qed iqatta bizzejjed hin ma' ibnu, minhabba l-interessi f'diversi negozji li kellu . Infatti meta ma kienx ikun ghand il-konvenuta, kien qed jitrabba min-nanna paterna aktar milli minn missieru . Infatti s-sur Galea irrakkomanda illi :**

***"Ghall-gid tat-tifel, ahjar jitrabba mill-genituri paterni tieghu milli l-familjari bhan-nanniet u z-zijiet . Dan sabiex kemm jista' jkun ighin fl-istabilita' ta' Jorn li minhabba c-cirkostanzi, dan pjuttost intilef . Fi kliem iehor, ikun ferm ta' gid ghal karattru stabbli ta' Jorn nkluz d-dixxiplina fuqu nnifsu dment li ghadu zghir li, bhala 'role models' ta' awtorita' ma ghandu jkun hadd hlief (sakemm hu possibbli) l-omm u l-missier.*" (ara rappport a fol. 39) .**

**Il-psikologa Mariella Blackman, inkarigata bhala esperta *ex-parte* mill-attur fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza, sabiex taghti l-opinjoni taghha dwar dan il-kaz, wara li kellmet lill-kontendenti separatament u fil-kumpanija tal-minuri, u anke ghamlet terapija psikologika mieghu wahdu, setghet tosserva illi :**

***"Mill-assessment globali li kelli l-opportunita' jkolli mat-tifel Jorn, nista' nghid li huwa ghandu intelligenza akbar minn tifel ta' l-eta' tieghu . Huwa tifel assertiv, jaf xi jrid u tkellmu qisek qed titkellem ma' xi hadd kbir . Fil-fatt, fl-esperjenza tieghi ta' tfal li jkunu gejjin minn ambjent ta' separazzjoni tal-genituri, tant l-esperjenzi ta' nkwiet taghhom ikunu kbar, li t-tfal jitilfu s-sens ta' tfulija u jitghallmu t-toqol tal-hajja kmieni . B'hekk jikbru malajr."***

**L-istess psikologa ghalhekk kienet ta' l-opinjoni illi :**

***"Jekk il-kura u kustodja tkun totali f'idejn il-missier hemm ir-riskju li t-tifel aktar jitrabba ma' n-nanna paterna 'l boghod miz-zewg genituri tieghu minhabba li l-missier huwa ragel b'hafna xoghol, u hemm il-konsegwenza ohra illi ghat-tifel hemm periklu ghal sahtu minhabba li l-familja paterna jrabbu l-annimali u t-tifel ibaghti bl-asthma .***

***Minn naha l-ohra jekk il-kura u kustodja tkun totali ta' l-omm, hemm il-konnotazzjonijiet l-ohra psikologici li t-tifel qed jghix ma' terza persuna li mhux missieru allavolja r-relazzjoni ta' Frenc* (il-partner tal-konvenuta) *mat-tifel hija "mhux hazin" kif iddeskirvili t-tifel stess meta kien wahdu mieghi . Dan biex ma nsemmix ukoll li fil-familja ma' l-omm jghixu wkoll it-tfal ta' Josette u Frenc .***

***Minbarra dan, wisq nahseb illi jekk il-kura u kustodja ta' Jorn tinghata lil xi wiehed mill-genituri, l-iehor jibqa' jiftah ir-rikorsi b'detriment ghall-istabilita' mentali tat-tifel . Ghalhekk, nikkonkludi li in vista ta' l-assessment li ghamilt b'diversi mezzi kif spjegajt hawn fuq, ikun fl-ahjar***

***interess psikologiku tas-sahha tat-tifel illi l-kura u l-kustodja tkun kongunta . Jigifieri erbat ijiem mal-missier u tliet ijiem ma' l-omm u l-gimgha ta' wara l-jiem jalternaw . Liema granet u hinijiet jien ser inhallihom ghall-flessibilita' tal-genituri li jistghu jiftehmu bejniethom u l-ftehim jigi legalizzat b'ordni tal-Qorti .***

***Fl-ahharnett huwa ta' min izid illi l-kura u kustodja kongunta hija mifhuma mill-ahjar ricerki psikologici li hija wahda mill-aktar li taghmel gid psikologiku lit-tfal minhabba ili l-aktar tfal li jkunu sani mentalment huma dawk li jirnexxilhom ikollhom relazzjoni tajba maz-zewg genituri u mhux ma' wiehed biss . Wisq jigri fl-esperjenza taghna mat-tfal illi meta xi hadd mill-genituri jkollu l-kura u kustodja shiha, it-tfal,f'dan il-kaz it-tifel, jista' jaghmel minn kollox biex joghgob lil genitur li mieghu ikun qed jghid kontra l-iehor li jkollu l-accessi . Mhux qed nghid li fil-kaz ta' Jorn bilfors li jigri hekk, imma l-probabilita' li jibni alleanza ma' genitur kontra l-iehor hija hafna anqas jekk il-kura u l-kustodja tigi kongunta.".***

**Il-Qorti wara li fliet sewwa l-fehmiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' dawn l-esperti, wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz u dejjem fl-ahjar interess tal-minuri u mhux biex tigi mwettqa x-xewqa ta' xi hadd mill-genituri bi skapitu ta' l-iehor, thoss illi ghandha tmexxi fuq l-opinjoni tal-psikologa Mariella Blackman . Taqbel maghha illi ghall-ahjar gid tat-tifel, il-genituri tieghu ghandhom ikollhom 'joint custody' . Kif gia gie rilevat hawn fuq, il-kontendenti infushom jammettu illi din hija l-ahjar triq ghall-minuri, biex hadd ma jiehu vantagg fuq l-iehor u b'hekk jitnaqqsu l-piki li ma jistghux ma jkunux ghajr ta' dannu kbir fil-formazzjoni tal-karattru tieghu .**

**Huwa minnu illi hemm x'tikkritika fuq il-'life style' ta' kull parti fil-kawza u certament din mhix sitwazzjoni idejali ghall-minuri . La l-fatt illi ommu ghandha relazzjoni stabbli ma' ragel iehor, li minnu tweldulha tewmin u li qed jirrisjedi abitwalment maghha f'dik li qabel kienet id-dar matrimonjali u lanqas ix-xoghol daqstant impenjuz ta' l-attur, li mhux ihallilu bizzejjed 'quality time' mat-tifel, tant illi qed iqatta' l-parti l-kbira tal-gurnata ma' n-nanniet jew zijiet paterni, m'huma hwejjeg li jistghu jinkoraggixxu wisq lill-gudikant biex jaghzel parti minn ohra . Imma sakemm ma jirrizultax illi dawn l-affarijiet qed ikunu ta' dannu psikologiku ghat-tifel, anzi jidher illi ghall-eta' tenera tieghu, rnexxielu jaddatta ruhu sew ghas-sitwazzjoni, jibqa' importanti ferm illi l-minuri jgawdi kemm jista' jkun mill-kumpanija taz-zewg genituri u lanqas jistghu jigu njorati t-tewmin ukoll, li wara kollox huma hutu u t-tifel huwa naturalment migbud hafna lejhom .**

**Fil-fehma taghha ma jidhirx illi huwa l-kaz fejn it-tifel jista' jinghad illi jkun fl-interess tieghu li jghaddi aktar hin ma' ommu minn ma' missieru jew vice-versa . Bid-difetti kollha li kull parti takkuza lill-ohra u c-cirkostanzi li fihom jghixu, huwa evidenti illi t-tnejn kemm huma jhobbuh u ghandhom ghal qalbhom it-trobbija tieghu . Huwa**

**minnu illi hadd minnhom ma huwa lest li jissagrifika xi 'parti mil-'lifestyle' partikolari ghal dan il-ghan, imma ghal daqshekk m'ghandux ibati aktar it-tifel . Lanqas ma jirrizulta illi n-nuqqasijet fil-genituri huma daqstant gravi li jimmilitaw li l-minuri jaghmilha mill-inqas ma xi hadd minnhom .**

**It-trawma fl-ulied zghar f'tali sitwazzjonjiet ta' glied u firda bejn il-genituri hija gia bizzejjed biex teffettwahom negattivament ghal ghomorhom . Kif tajjeb qalet il-psikologa Blackman, ikun jonqos biss it-tendenza li "*jibni alleanzi*" ma' xi hadd mill-genituri u jobghod lill-iehor, ghax ikun aktar qed jghix ma' wiehed minnhom a skapitu ta' l-iehor, biex il-karattru tieghu jigi distabilizzat b'mod irreparabbli .**

**Taqbel ghalhekk mas-suggerimenti moghtija mis-sinjura Blackman dwar il-modalitajiet tal-granet li fihom il-kura tal-minuri tkun fdata f'idejn xi hadd mill-genituri, u cioe' li f'gimgha wahda Jorn iqatta' erbat ijiem ma' missieru u tlieta ma' ommu, u l-gimgha ta' wara vice-versa . Ghalhekk b'effett mill-gimgha d-diehla tordna illi l-kura tal-minuri ghandha tkun fdata f'idejn l-attur, bejn il-Hadd li gej fis-sebgha ta' filghaxija (7.00pm) sal-Hamis fl-istess hin, u bejn il-Hamis filghaxija sal-Hadd f'dak il-hin ukoll f'idejn il-konvenuta . Ghall-gimgha ta' wara mbaghad il-granet jalternaw biex il-missier ikollu l-kura tal-minuri ghal tliet ijiem u l-omm ghal erba' u jinzammu l-istess hinijiet . Peress illi t-tifel dalwaqt ikun mistenni jibda jattendi l-lezzjonijiet tad-duttrina religjuza bi thejjija ghal-precett u l-grizma, l-kontendenti ghandhom ifittxu li jiftehmu mal-parrocci rispettivi ta' l-irhula fejn joqghodu sabiex possibilment it-tifel ikun jista' jattendi klassijiet tad-duttrina f'dak ir-rahal partikolari fejn ikun qed joqghod f'dawk il-granet, u b'hekk jigi evitat skariggar zejjed ghalieh .**

**Ghalhekk tiddecidi dwar it-talbiet maghmula sew fic-citazzjoni u anke fil-kontro-talba billi tordna illi l-kura u kustodja tal-minuri Jorn Stellini ghandha tkun kongunta bejn il-genituri tieghu, l-kontendenti f'din il-kawza, u dana bil-modalitajiet spjegati fil-paragrafu precedenti .**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejn il-kontendenti .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**
S5800Pc